MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 304/2005

**Eurobridge Shipping Services Limited**

**Vs**

**Jack H Serra Ltd**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta Jannar 2005, fejn intalab li s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u ghoxrin lira (LM329) rapprezentanti valur ta cheque mahrug mill-istess socjeta konvenuta favur is-socjeta attrici liema cheque baqa ma giex onorat meta pprezentat ghal pagament (Dok A).
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta ittra legali datata 28 ta Settembru 2004.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut nomine jwiegeb ghalihom bil-gurament u

b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat legalment is-socjeta konvenuta u rapprezentanti taghha naqsu u ma dehrux la fis-seduta tat-13 ta Jannar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta tliet mija u disgha u ghoxrin lira (Lm329) bl-ispejjes kollha ta din l-istanza kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------